**252. L-Onor. Joe Mizzi MP, Whip għan-Naħa ta' l-Oppożizzjoni jipproponi:-**

L-Onor. Joe Mizzi jagħmel referenza għar-Ruling li ngħata fis-seduta 422 ta' l-24 ta' Lulju, 2006 illi mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-istess Onor. Joe Mizzi jista jieħu;

Qed iressaq din il-mozzjoni biex isir dak li hemm fl-Ordni Permanenti Nru 62 tal-Kamra tad-Deputati (id-deċiżjoni ta' l-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha fil-Kamra); dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra u dan peress li l-Kumitat Permanenti tal-Kamra dwar l-Ippjanar ma kellux quddiemu liġi li l-klawsoli tagħha jistgħu jiġu emendati fil-Kumitat, imma kellu biss il-funzjoni li jara jekk hemmx qbil fuq il-mozzjoni, u f'każ affermattiv il-mozzjoni lanqas ikun hemm bżonn tersaq quddiem il-Kamra, filwaqt li jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-mozzjoni, tispiċċa l-funzjoni tal-Kumitat Permanenti u l-mozzjoni oriġinali kif proposta tmur quddiem il-Kamra;

Peress li r-ruling bi żball ġab il-funzjoni tal-Kumitat Permanenti bl-istess funzjoni daqskieku din kienet liġi, u tista' tiġi emendata, u dan għalhekk iġib li l-Kumitat u l-iSpeaker aġixxew ultra vires, u għalhekk kollox huwa null u bla effett;

Peress li l-artikolu 135 ta' l-iStanding Orders jirreferi għal Select Committees u mhux għall-Kumitati Permanenti kif anke jidher mit-taqsimiet ta' l-istess Standing Orders, u għalhekk il-kwotazzjoni tiegħu hija żbaljata u mhux applikabbli u għalhekk ir-ruling ħa in konsiderazzjoni fatti u regoli irrelevanti, u għalhekk huwa kontra l-iStanding Order li hija liġi għall-Parlament.

25.7.06